VCA

VALLETTA CULTURAL AGENCY

# cultural programme

january-march 2021

# CONTENTS
# WERREJ


| | |
|---|---|
| **Kelmtejn mingħand il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali //** A Word from the Minister for National Heritage, the Arts and Local Government | 02-03 |
| **Kelmtejn mingħand iċ-Ċermen //** A Word from our Chairman | 04-05 |
| **Kelmtejn mingħand l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv //** A Word from our Chief Executive Officer | 06-07 |
| **Il-Programm Kulturali //** The Cultural Programme | 08-09 |
| **Il-Valletta Design Cluster //** The Valletta Design Cluster | 24-25 |
| **The Strada Stretta Concept //** The Strada Stretta Concept | 32-33 |
| **Kalendarju Kulturali Jannar-Marzu 2021 //** Cultural Calendar January-March 2021 | 38-39 |



José
**Herrera**



L-Arti u l-Kultura huma oqsma fundamentali li jagħtu identità unika lil kull soċjetà. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta għal sena oħra qiegħda tiżboq kull aspettattiva u tippreżenta programm varjat li jirrifletti b'mod ċar l-għanijiet ewlenin tal-Aġenzija.

Dan il-programm hekk ippreżentat għall-ewwel kwart tas-sena, ser iservi ta' xprun għall-oqsma kulturali u artistiċi f'pajjiżna, partikolarment fil-Belt Valletta, u b'hekk, din l-istess Belt tkompli tibni fuq il-legat ta' Valletta 2018 u tkompli timraħ bħala Belt Kapitali vibranti.

*Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali*

Arts and Culture are fundamental areas that give each society a unique identity. The Valletta Cultural Agency is once again exceeding all expectations and presents a varied programme that clearly reflects the main objectives of the Agency.

This programme, presented for the first quarter of the year, will serve to propel the cultural and artistic sectors in our country, particularly in Valletta, so that this same City continues to build on the legacy of Valletta 2018 and continues to be a vibrant Capital City.

*Minister for National Heritage, the Arts and Local Government*



# Jason Micallef

Il-Covid-19 qered il-ħajja kif nafuha. Id-dinja kollha kienet sfurzata tissakkar ġewwa. Għal xhur sħaħ, rebħet l-inċertezza. Kien hemm bżonn urġenti ta' tama u konsolazzjoni. F'dan iż-żmien ta' kriżi, in-nies sabu l-faraġ u l-benesseri mentali fl-arti. Li noqogħdu ġewwa għinna nibqgħu ħajjin. Iżda l-arti għenitna nibqgħu f'sensina.

L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tibqa' tisħaq li l-kultura mhix lussu, imma neċessità. Dan il-programm ambizzjuż u eċċitanti huwa xhieda tal-impenn tagħna lejn l-arti u l-kultura. Il-programm tagħna jibni fuq it-temi tat-tama, il-pożittività u l-komunità. L-għan ewlieni tiegħu huwa li jqajjem konversazzjonijiet sinifikanti fost il-komunità inġenerali.

B'kuraġġ u b'inventività, nistiednu lill-pubbliku jingħaqad magħna biex flimkien noħolqu dinja aħjar. B'ottimiżmu kbir, ninsabu ħerqanin għas-sena li ġejja.

*Ċermen, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta*

Covid-19 has devastated life as we know it. The whole world was forced into lockdown. For months, uncertainty prevailed. People were desperate for consolation and hope. In this most dire time, people relied on art for comfort and mental wellbeing. Staying indoors helped us survive. But the arts helped us stay sane.

The Valletta Cultural Agency reaffirms that culture, far from being a luxury, is a necessity. This ambitious and exciting programme is a testament to our commitment to the arts and culture. Our program builds on the themes of hope, positivity and community. Its main goal is to rekindle meaningful conversations amongst the community at large.

With boldness and inventiveness, we invite the public to join us in imagining a better world. We look forward to the coming year with great optimism.

*Chairman, Valletta Cultural Agency*

Micallef





# Catherine Tabone

Matul l-aħħar sena, hekk kif l-umanità laqgħet l-isfida li tadatta ruħha għar-realtà ġdida li ġabet magħha l-pandemija globali, rajna d-dinja kollha ddur lejn l-arti bħala mezz ta' sopravivenza, ta' espressjoni, u ta' tama. Jidher biċ-ċar li f'dawn iż-żminijiet ta' prova, ftit hemm elementi li huma aktar ewlenin għall-benesseri tal-umanità. F'dan ix-xenarju, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta qed issaħħaħ ix-xogħol tagħha ma' persuni kreattivi u mal-komunità biex tippreżenta programm b'saħħtu bil-parteċipazzjoni ta' artisti rinomati lokali u internazzjonali li jaħdmu flimkien biex jittellgħu produzzjonijiet vibranti b'temi speċifiċi. Din is-sena ser niftħu wkoll il-Valletta Design Cluster, proġett li huwa legat tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, għall-prattikanti kreattivi u viżitaturi. Ninsabu ħerqanin biex nilqgħukom magħna, wiċċ imb'wiċċ jew onlajn, skont iċ-ċirkostanzi, sabiex flimkien nesperjenzaw l-arti bħala espressjoni ta' xi jfisser li tkun uman.

*Chief Executive Officer,*
*Valletta Cultural Agency*

Over the past year, as humanity rose to the challenge of adapting to a new normal in a global pandemic, we have seen the whole world turn to the arts as a means of survival, of expression and of hope. Clearly, few elements are more central to the well-being of humanity in such trying times. In this scenario, the Valletta Cultural Agency is reinforcing its work with creatives and the community to present a strong programme that features local and internationally-renowned artists engaging together in a variety of vibrant and topical productions. This year we are also opening the Valletta Design Cluster, a legacy project of the European Capital of Culture, to creative practitioners and to visitors. We look forward to having you join us, in person or online depending on circumstances, to experience the arts together as an expression of what it is to be human.

***Uffiċjal Kap Eżekuttiv,***
***L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta***



L-2020 se tibqa' mfakkra fl-istorja bħala s-sena fejn id-dinja waqfet. It-telf globali tal-ħajja u t-tfixkil fil-ħajja tagħna ta' kuljum li rriżultaw mill-pandemija tal-Coronavirus huwa bla preċedent. Id-dinja ma kellhiex għażla ħlief li tidħol fi kwarantina.

Madankollu, fl-aktar sigħat ta' prova, l-arti żammitna f'sikkitna u għenitna nibqgħu umani. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta adattat mill-ġdid il-programm tagħha sabiex tiżgura li x-xogħol tagħha ma jieqafx. Ipproduċejna l-Valletta Green Festival għal udjenzi online, ħloqna programm ġdid għal matul is-sajf, biddilna l-Valletta Pageant of the Seas fi programm televiżiv li xxandar live u ħloqna programm b'differenza għal żmien il-Milied.

Issa, aktar minn qatt qabel, id-dinja tagħna, teħtieġ il-poter li għandha l-arti biex issib is-serħan u t-tama.

Il-programm immaġinattiv tagħna għall-2021 inħoloq apposta biex iqajjem il-konverżazzjoni u jistieden lill-udjenza biex toħloq dinja mill-ġdid. Dan huwa programm li għandu l-komunità fil-qalba tiegħu.

L-isfida ewlenija li għandna quddiemna hija li nkomplu nibnu fuq is-solidarjetà u l-għerf li ħarġu minn din il-pandemija, biex niskopru mill-ġdid l-umanità tagħna. L-arti tista' tkun katalist f'din il-battalja importanti.

Dan il-programm huwa pass f'dik id-direzzjoni.



2020 will be remembered as the year the world broke down. The global loss of life and disruption to our daily lives resulting from the coronavirus pandemic is unprecedented in living memory. The world was forced into quarantine.

Yet in our most dire hours, art kept us sane and ensured we stayed human. The Valletta Cultural Agency readapted its programme to ensure that its commitment to providing quality culture for all was not lost. We produced the Valletta Green Festival for online audiences, shaped a new summer programme, re-imagined the Valletta Pageant of the Seas for television and formed a sparkling new Christmas programme.

Now, more than ever, our traumatized world needs the healing powers of the arts to find solace and regain hope.

Our imaginative 2021 programme was purposely created to trigger conversations and invite the audience to re-think the world. It is a programme that has the community at its heart.

Our major challenge is to draw on the lessons of solidarity and ingenuity that surfaced during the pandemic to help us rediscover our humanity. Art can be a catalyst in this very important battle.

This programme is a step in that direction.




Maħluq u mtella' minn // Created and produced by: Valletta Cultural Agency
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: Valletta Local Council

Esibizzjoni fotografika // Photography exhibition



***JANNAR-MARZU//*** *JANUARY-MARCH*
**Triq San Ġwann** // St John Street

# TNAX

TNAX jagħżel 12-il ritratt, meħudin minn fotografi differenti u li ġejjin minn diversi oqsma, li juru l-livelli multikulturali tal-Belt Valletta minn għajnejn fotografi Maltin u barranin, waqt il-mixjiet u l-osservazzjonijiet tagħhom fil-Belt Valletta. Il-proġett huwa mibni fuq l-essenza ta' belt mogħnija fl-istorja, li għandha t-titlu ta' Sit ta' wirt storiku dinji mill-UNESCO u kienet Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2018. Il-kuratriċi ta' din l-esibizzjoni hija l-fotografu Therese Debono.

TNAX will source 12 images, shot by various photographers having diverse backgrounds, that show the multicultural layers of the city of Valletta through the eyes of local and foreign photographers, during their walks and observations in the capital. The project captures the essence of a capital rich in history, that is a UNESCO World Heritage site and was European Capital of Cultural in 2018. This exhibition is curated by photographer Therese Debono.

**14 JANNAR //** *JANUARY*

**Fi djar fil-Belt Valletta //** In Valletta homes

# Beethoven at home

**Ir-residenti tal-Belt Valletta se jkunu mistiedna jospitaw lis-surmast u pjanist Brian Schembri f'darhom waqt li dan jippreżenta wieħed mill-aktar kapulavuri importanti ta' Beethoven, is-Sonata *Hammerklavier*. Dawn il-prestazzjonijiet, li se jiċċelebraw il-memorja ta' Beethoven, se jsiru fi djar residenzjali, biex il-kumpanija u l-mużika tiegħu jitgawdew, jiġu ammirati u jinħassu minn dawk ta' madwaru waqt serata d-dar mal-ħbieb u l-familja.**

Valletta residents will host conductor and pianist Brian Schembri in their own home as he presents one of Beethoven's most important masterpieces, the *Hammerklavier* sonata. These performances will take place in residential houses, celebrating Beethoven's memory; his company and music being enjoyed, admired and felt by those around him, during an evening at home with friends and family.

Maħluq u mtella' minn // Created and produced by: Valletta Cultural Agency

Kunċerti intimi fi djar privati // Intimate concerts in private homes






Ritratt ta' // Photo by Darren Agius



Maħluq u mtella' minn // Created and produced by: Valletta Cultural Agency
Biljetti // tickets: kultura.mt

Kunċert // Concert



**23 JANNAR//** *JANUARY*
Casino Maltese

# Lieder Concert with Tatiana Lisnic

Il-kelma Ġermaniża 'lied' ilha tintuża sa mis-Seklu 12 AD biex tirreferi għal polifonija li tgħaqqad il-poeżija mal-mużika. Bl-Ingliż jirreferu għaliha bħala 'art song', ġeneru li kiber matul il-perijodu Romantiku, simili għall-alkemija, meta l-komponenti jingħaqdu flimkien joħroġ ħoss maġiku.

Għal din is-serata, il-vuċi dehbiena ta' Tatiana Lisnic se tingħaqad man-noti melodiċi tal-arpa, f'idejn Britt Arend, għal rappreżentazzjoni ta' 'lieder' bil-Franċiż, Ġermaniż u r-Russu. Fost il-lieder li se jindaqqu mill-arpista hemm dawk ta' Faure, Lizst, Strauss u Rachmaninoff.

From as early as the 12th century AD, the German word 'lied' is used to refer to a polyphony which brings together poetry and classical music. English speakers refer to it as 'art song', a genre which flourished in the Romantic era.

On this late night, the golden voice of Tatiana Lisnic joins the melodic notes of harpist Britt Arend to perform lieder in French, German and Russian by Faure, Lizst, Strauss and Rachmaninoff amongst others.









# InnovAiR

Il-Programm InnovAiR inħoloq sabiex jarrikkixxi u jikkontribwixxi għall-kuntest kreattiv nazzjonali. Ir-residenzi għall-artisti jrawmu l-kollaborazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-artisti u l-komunitajiet lokali ta' artisti, residenti u ħaddiema, filwaqt li jħeġġu l-iskambju u l-użu ġdid ta' spazji u ambjenti differenti. L-ewwel residenzi fi Frar se jistiednu artisti, kollettivi u persuni kreattivi biex jesploraw mid-dar jew mill-istudjow tagħhom il-kunċett "Irrisetja". Qed inħeġġu lill-artisti biex jesploraw suġġetti bħal-libertà tal-moviment, il-benesseri, is-sostenibbiltà, il-fiduċja soċjali, it-territorju u l-ispazjalità fid-dinja ta' wara l-pandemija.

InnovAiR aims to contribute to and enrich the national creative context. Artist residencies foster collaboration and networking between artists and the local community of artists, residents and workers whilst encouraging sharing and the re-invention of digital and physical spaces. The first residences in February will invite artists, collectives and creatives to explore from their home or studio the concept of "Reset". Artists are encouraged to explore topics such as freedom of movement, well-being, sustainability, social trust, territory and spatiality in a post-pandemic world.

Programm ta' Artisti f'Residenza // Artist-in-Residence Programme

# Written on Skin

L-Opra Written on Skin ittellgħat għall-ewwel darba waqt il-Festival d'Aix-en-Provence fl-2012 u hija xogħol tal-kompożitur Ingliż George Benjamin. Ser tiġi eżegwita mill-Malta Philharmonic Orchestra flimkien ma' 5 solisti internazzjonali, taħt id-direzzjoni ta' Lawrence Renes. Miktub minn Martin Crimp, il-librett huwa bbażat fuq il-leġġenda tat-trovatur Guillaume de Cabestanh u teħodna lejn Provenza fis-seklu tlettax. The Guardian ikklassifikat din l-opra bħala bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet ta' mużika klassika miktuba f'dan is-seklu.

Premiered at the 2012 Festival d'Aix-en-Provence, Written on Skin is an opera by British composer George Benjamin. It will be performed in Malta by the Malta Philharmonic Orchestra and five renowned soloists, directed by Lawrence Renes. Penned by Martin Crimp, the libretto is based on the legend of the troubadour Guillaume de Cabestanh with a story taking place in 13th Century Provence. The work ranks as one of the best pieces of contemporary classical music by The Guardian.





Mużika // Music: George Benjamin
Kitba // Text: Martin Crimp
Ikkummissjonat minn // Commissioned by: Festival d'Aix en Provence, de Nederlandse Opera (Amsterdam), Téâtre du Capitol (Toulouse), Royal Opera House Covent Garden (London), Teatro del Maggio Musicale Fiorentino
Prestazzjoni fuq arranġament ma' // Performed by arrangement with: Faber Music Ltd., London

Ritratt ta' // Photo by Kris Micallef

**22 MARZU - 1 APRIL //** *22 MARCH - 1 APRIL*

Spazju Kreattiv

# Vari

**Dan huwa xogħol teatrali makabru li fih il-biżgħat tat-tfulija jitħalltu mal-weġgħat tal-adultezza; fejn is-sagru jinbidel f'inkubu, u l-ġrieħi mill-kustat minflok demm li jifdi jnixxu demm li jkexkex. *Vari* huwa dramm ibbazat fuq in-novella *Vari* ta' Trevor Żahra li dehret għall-ewwel darba fil-ġabra ta' novelli *Lubien* fl-1995.**

This is a macabre theatrical work in which childhood fears mix with adult hardships; where the sacred transforms into a nightmare, and where the blood which oozes fom the ribs is shuddering, rather than redemptive. *Vari* is a play based on Trevor Zahra's novel *Vari* which was first published in the collection *Lubien* in 1995.

Produzzjoni u direzzjoni ta' // Produced and directed by: Joseph Galea, Carlos Farrugia
Mużika oriġinali // Original music: Alex Vella Gregory
Bl-appoġġ ta' // Supported by: Valletta Cultural Agency

**Dramm //** Play








**Maħluq minn** // Created by: **Cappella Sanctae Catherinae**
**Imtella' minn** // Produced by: **Valletta Cultural Agency**

**Rappreżentazzjoni korali sagra** // Choral, sacred performance



***23 MARZU//*** *MARCH*

**Madwar il-Belt Valletta** // Around Valletta

# 7

# Visti

Din ir-rappreżentazzjoni hija ispirata mis-seba' visti li jsiru fil-knejjes minn bosta devoti f'Ħamis ix-Xirka.

Tikkonsisti f'seba' prestazzjonijiet korali qosra f'seba' knejjes differenti ġewwa l-Belt Valletta. Kull prestazzjoni tistieden lill-udjenza biex taħseb fil-fond dwar waħda minn dawk magħrufa bħala "the Seven Last Words of Christ" (l-aħħar seba' kelmiet ta' Kristu) - serje ta' frażijiet li jingħad li ntqalu minn Kristu fl-aħħar mumenti tiegħu fuq is-salib - permezz ta' kombinazzjoni ta' kant liturġiku, mużika korali u qari ta' riflessjoni miktub minn membri tal-komunità Beltija flimkien ma seba' awturi lokali.

Ejja u imxi f'pellegrinaġġ flimkien mal-kor, jew attendi għall-prestazzjoni li tixtieq fi knisja tal-għażla tiegħek.

This roaming performance is inspired by the 'visit to the seven churches' synonymous with Maundy Thursday.

It consists of seven short choral meditations, held across seven churches in Valletta. Each one invites the audience to ponder on one of the "Seven Last Words of Christ" - a series of sayings attributed to Christ's final moments on the cross - by combining plainchant, choral music and reflective readings, written by members of the Valletta community working alongside seven local authors.

You may follow the choir on its 'pilgrimage' or attend specific performances in the respective churches.

# Valletta Design Cluster

Proġett ta' legat tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018, il-Valletta Design Cluster (VDC), li jinsab ġewwa l-binja rinovata tal-Biċċerija l-Antika, huwa spazju għall-komunità maħluq għal użu prattiku kulturali u kreattiv. Il-kontributuri prinċipali ta' dan l-isforz kbir ta' riġenerazzjoni huma r-residenti u l-komunitajiet ġirien, flimkien mal-prattikanti kreattivi u s-soċjetà ċivili. Is-servizzi ġenerali u l-faċilitajiet ser ikunu miftuħa għall-istudenti, għaqdiet non-governattivi, prattikanti kreattivi, u kumpaniji start-ups, kif ukoll organizzazzjonijiet attivi fl-oqsma soċjali u kreattivi. L-istudjows tagħna jipprovdu post tax-xogħol stabbli għall-organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li l-VDC ser ikollu wkoll ġnien fuq il-bejt li ser iservi bħala spazju pubbliku ġdid fil-Belt Valletta.

A legacy project of the 2018 European Capital of Culture in Valletta, the Valletta Design Cluster (VDC) is a community space for cultural and creative practice situated in the renovated Old Abattoir (Il-Biċċerija l-Antika) in Valletta. The key human contributors to this major regeneration effort are Valletta residents and neighbouring communities, together with cultural and creative practitioners and civil society changemakers. Our general services and facilities are open to students, NGOs, residents, creative practitioners and start-ups, as well as organisations active in the social and cultural sector. Our studios provide a more stable workspace for organisations working in the cultural and creative sector, while the building shall also be adorned with a green roof which will serve as a new public garden in Valletta.



Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

# European Open Design School for Sustainable Regional Development



L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, permezz tal-Valletta Design Cluster, hija membru uffiċjali ta' DeuS, proġett ta' taħriġ vokazzjonali u edukattiv tal-Erasmus+ li jiffoka fuq il-potenzjal tas-settur kulturali u kreattiv. Dan il-proġett ta' sentejn (2020-2021) jgħaqqad flimkien għaxart isħab minn disa' pajjiżi Ewropej, inklużi erba' Kapitali Ewropej tal-Kultura. Matul l-ewwel parti tal-2021, ser inkomplu naħdmu ma' sħabna lokali u Ewropej li huma attivi fit-taħriġ u l-edukazzjoni. L-għan tagħna huwa li ninvestigaw għażliet ta' taħriġ alternattiv u informali li jifformaw parti integrali mill-proċess ko-kreattiv fis-settur kulturali, u li nsibu approċċ komuni Ewropew li jirrikonoxxi u jagħti valur lil dawn il-ħiliet, għall-benefiċċju tal-prattikanti fis-settur.

The Valletta Cultural Agency, through the Valletta Design Cluster, is an official member of DeuS, an Erasmus+ vocational educational training project that focuses on unlocking the potential of the cultural and creative sector. This two-year project (2020-2021) brings together ten partners from nine EU countries, including four European Capitals of Culture. During the first part of 2021, we will continue working with local and European partners active in training and education. Our focus here is to investigate alternative, informal training paths that form an integral part of co-creative processes in the cultural sector, and to find a common European approach to recognize and valorize these skills, for the benefit of practitioners in this sector.

# Wikimedian-in-Residence Programme

Matul l-2021, il-Valletta Design Cluster, ser ikun qed itella' programm ta' attivitajiet u workshops b'rabta mal-inizjattiva Wikimedian-in-Residence. Dan il-proġett qed jittella' b'kollaborazzjoni mal-Komunità Maltija tal-Wikimedia. Matul l-ewwel kwart tal-2021, din il-kollaborazzjoni ser tiffoka fuq żewġ inizjattivi: l-inizjattiva Wiki Loves Art u l-inizjattiva Wiki Takes the Valletta Design Cluster, li hija marbuta direttament mal-ftuħ tal-Valletta Design Cluster. Serje ta' workshops u attivitajiet ser jittellgħu fil-VDC u onlajn u dawn ser jipprovdu lill-parteċipanti b'għarfien u ħiliet marbuta mal-valuri komuni kemm għall-VDC kif ukoll għall-Komunità Maltija tal-Wikimedia: l-aċċess miftuħ, il-qsim tal-għarfien u l-ko-kreazzjoni.

Throughout 2021, the Valletta Design Cluster will be hosting a programme of activities and workshops linked to its Wikimedian-in-Residence initiative. This is carried out in collaboration with Wikimedia Community Malta. During the first quarter of 2021, this collaboration will focus on two initiatives: the Wiki Loves Art initiative and the Wiki Takes the Valletta Design Cluster initiative that is directly linked to the opening of the Valletta Design Cluster. A series of workshops and events will be held at the Cluster and online, and these will provide participants with insights and skills linked to the Cluster's shared values: open access, knowledge sharing, and co-creation.





# Open Week and Official Opening of the Valletta DesignCluster

Il-ftuħ uffiċjali tal-Valletta Design Cluster ser isir lejn l-aħħar ta' Marzu, bi programm ta' attivitajiet u żjarat bil-għan li l-pubbliku inġenerali jsir familjari mal-faċilitajiet il-ġodda. Wara snin ta' restawr u xogħlijiet, il-bini ser jinfetaħ għall-prattikanti kreattivi u kulturali, studenti, residenti, u l-pubbliku ġenerali. Il-faċilitajiet il-ġodda ser jinkludu spazji għall-ko-ħidma, kmamar għal-laqgħat, "makerspace, spazju tal-ikel li jinkludi kċina għat-tagħlim, u ġnien fuq il-bejt aċċessibbli għall-pubbliku. Matul il-ġimgħa tal-ftuħ, ser isiru serje ta' żjarat biex jiġu spjegati l-faċilitajiet u l-mod kif jistgħu jintużaw mill-membri tal-pubbliku. Filgħaxijiet ser isiru serje ta' fora pubbliċi dwar kwistjonijiet fil-qalba tal-proġett. Dawn jittrattaw: (a) liema prinċipji għandhom jiggwidaw il-konverżjoni ta' siti urbani b'valur ta' wirt għal użu kontemporanju; u (b) kif nistgħu nużaw il-kollaborazzjoni biex niġġeneraw il-valur soċjali, kulturali u ekonomiku. Il-programm tal-ftuħ ser jittella' matul ġimgħa sħiħa, bil-ftuħ uffiċjali jseħħ is-Sibt 27 ta' Marzu filgħaxija.

The official opening week of the Valletta Design Cluster will be held towards the end of March, with a programme of activities and tours aimed at familiarizing the general public with this new facility. After years of painstaking restoration and conversion, the building will be opening its doors for cultural and creative practitioners, students, makers, residents, and the general public. The new facilities will include co-working spaces, meeting rooms, a makerspace, a foodspace inclusive of a teaching kitchen, a number of studios and a publicly accessible roof garden. During the open week, a series of tours will be organized to explain the facilities and the ways in which members of the public will be able to benefit from this project. During the evenings, a series of public fora will be held to tackle issues at the core of this project. These include the following main themes: (a) which principles should guide the conversion of urban sites of heritage value for contemporary use; and (b) how we can use collaboration and sharing as an approach to generate social, cultural and economic value. While the opening programme will run throughout the full week, the official opening ceremony will be taking place on Saturday 27th March in the evening.

# The Strada Stretta Concept



Għall-Programm tas-sena 2021, The Strada Stretta Concept, taħt id-direzzjoni artistika tal-Professur Giuseppe Schembri Bonaci, jissokta b'serje ta' proġetti innovattivi ispirati mill-enerġija u l-istorja Boemjana li tikkaratterizza din it-triq. L-ewwel appuntament fuq il-kalendarju huwa l-Kwartett ta' Sammy Murgo bi prestazzjoni ta' mużika jazz live, li jkompli jarrikkixxi l-ħajja partikolari ta' din it-triq. Aktar tard, grupp teatrali Franċiż ser jinterpreta l-opra ta' Darius Milhaud, "Le Pauvre Matelot", li tidħol tant tajjeb mal-kuntest kulturali ta' Strada Stretta. F'Ġunju mbagħad, ser tittella' prestazzjoni artistika minn artisti Ingliżi tul it-toroq kollha tal-Belt li tispiċċa f'The Gut. Din ser toħloq spettaklu partikolari sajfi li mhux ta' min jitilfu. L-aħħar avveniment fuq il-kalendarju tagħna huwa verżjoni Ġermaniża tax-xogħol ta' Brecht, The "Threepenny Opera", li se jittella' bil-Malti u li huwa bbażat fi Strada Stretta.

For the 2021 programme, The Strada Stretta Concept, under the artistic direction of Professor Giuseppe Schembri Bonaci, continues to feature a series of innovative projects which draw inspiration from the Bohemian energy and history that palpitates throughout the street. The calendar begins with The Sammy Murgo Quartet performing live jazz, enlivening as always the character of the street. The next project features a French theatre troupe performing the Darius Milhaud's opera "Le Pauvre Matelot". This would beautifully fit in the cultural context of Strada Stretta. Later in June there will be an art performance, by British artists, all through Valletta's streets which will end up in The Gut. The calendar ends with a distinctly Strada Stretta German version of Brecht's "The Threepenny Opera", in Maltese.





**21 JANNAR //** *JANNAR*

**The Splendid, Strada Stretta, il-Belt Valletta //** The Splendid, Strait Street, Valletta

# The Unknown Legendary Sammy

Il-kalendarju ta' Strada Stretta għall-2021 se jiftaħ bil-kbir b'*The Unknown Legendary Sammy*. Din hija prestazzjoni live minn The Sammy Murgo Quartet; kwartett magħmul minn Heathcliff Balzan fuq il-pjanu, Noel Grech fuq id-drums, Mario Aquilina fuq il-bass u, l-aħħar iżda mhux l-inqas, is-sassofonista Sammy Murgo. Għal serata waħda biss, The Sammy Murgo Quartet se jkunu qed idoqqu jazz klassiku kif ukoll uħud mill-aqwa siltiet fl-istil 'Swing'. Bla dubju, kulħadd se jkollu aptit jiżfen!

The Strada Stretta Concept calendar for 2021 starts with a bang with the event, *The Unknown Legendary Sammy*. The event will be featuring a live performance by The Sammy Murgo Quartet. The quartet is composed of Heathcliff Balzan on piano, Noel Grech on drums, Mario Aquilina on bass guitar and, finally, the iconic Sammy Murgo on saxophone. For one night only, the Sammy Murgo Quartet will be performing classic jazz standards, as well as the best of Swing, guaranteed to get everyone's feet tapping!

Mtella' minn // Produced by: The Strada Stretta Concept
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: The Splendid

**Interpretazzjonijiet ta' Siltiet Klassiċi Jazz //** Classic Jazz Standards Interpretations

# Le Pauvre Matelot

**26 FRAR//**FEBRUARY

**The Splendid, Strada Stretta, il-Belt Valletta //** The Splendid, Strait Street, Valletta

Il-grupp teatrali Franċiż, *Arcal Lyrique*, taħt id-direzzjoni tal-fundatur tiegħu, Christian Gangneron, se jkun qed jippreżenta verżjoni dinamika u kontemporanja tal-opra ta' Darius Milhaud, *Pauvre Matelot*.

Għalkemm *Pavre Matelot* fiha tliet atti, il-prestazzjoni se tkun pjuttost qasira meta mqabbla ma' opri oħra. Madanakollu, l-avvenimenti drammatiċi kollha se jseħħu mingħajr interruzzjoni. L-opra taqbel perfettament mal-karattru ta' The Strada Stretta Concept, hekk kif il-mużika ġiet influwenzata mill-ħajja kkulurita tat-toroq u tal-istabbilimenti ta' Marseille, belt oħra f'port Mediterranju.

The French theatre troupe, *Arcal Lyrique*, under the direction of their founder, Christian Gangneron, will be performing a dynamic and contemporary version of Darius Milhaud's opera, *Pauvre Matelot*.

Even though *Pauvre Matelot* is composed of three acts, the performance will be refreshingly brisk in comparison to other operas. Notwithstanding, the dramatic sequence of events unfold seamlessly. The opera pairs perfectly with the character of The Strada Stretta Concept due to the fact that the music was influenced by the vibrancy of the streets and bars of another Mediterranean port city, Marseille.





Mtella' minn // Produced by: The Strada Stretta Concept
F'kollaborazzjoni ma' // In collaboration with: The Splendid

# Calendar





## JAN-MAR

### TNAX

Page 10-11

Esibizzjoni fotografika //
Photography Exhibition

## JAN-MAR

### European Open Design School for Sustainable Regional Development

Page 26-27

## JAN-MAR

### WIKIPEDIAN -IN-RESIDENCE PROGRAMME

Page 28-29

## 14 JAN

### BEETHOVEN AT HOME

Page 12-13

Kunċerti intimi fi djar privati //
Intimate concerts in private homes

## 21 JAN

### THE UNKNOWN LEGENDARY SAMMY

Page 34-35

Interpretazzjonijiet ta' Siltiet Klassiċi Jazz
// Classic Jazz Standards Interpretations

## 23 JAN

### LIEDER CONCERT WITH TATIANA LISNIC

Page 14-15

kunċert // concert

## FEB

### INNOVAIR

Page 16-17

Programm ta' Artisti f'Residenza //
Artist-in-Residence Programme

## 26 FEB

### LE PAUVRE MATELOT

Page 36-37

kunċert // concert

## 13 MAR

### WRITTEN ON SKIN

Page 18-19

kunċert // concert

## 22MAR - 01 APR

### VARI

Page 20-21

dramm // play

## 22-28 MAR

### VALLETTA DESIGN CLUSTER OPENING

Page 30-31

## 23 MAR

### 7 VISTI

Page 22-23

Rappreżentazzjoni korali sagra //
Choral, sacred performance

**Valletta Cultural Agency**

Exchange Buildings
Republic Street
Valletta, VLT 1117
Malta

**w.** www.vca.gov.mt
**e.** info@vca.gov.mt
**t.** (+356) 2124 2018

L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tirriserva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin // The information on this booklet was correct at the time of going to print. The Valletta Cultural Agency reserves the right to amend dates and other event details at any time.

# cultural programme

january-march 2021